By means of a decree of the 10th June, 2025, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names 44 Main Street Limited vs Daniel Mamo, Application number 75/2025JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Daniel Mamo in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names 44 Main Street Limited (C52042) vs Daniel Mamo (ID 614348M filed in the Rent Regulation Board, on the 13th March, 2025, the applicant 44 Main Street Limited (C52042) requested this Honourable Board so that:

1. Declare and decide that, saving any necessary and opportune declaration for the reasons above premised the

l-kumpanija rikorrenti għandha l-jedd li tirriprendi l-pussess tal-fond li jġib in-numru uffiċali 92, Triq Gafar, Tas-Sliema;

2. Konsegwentement jordna lill-intimat sabiex jiżgombra mill-fond li jgib in-numru uffiċjali 92, Triq Gafar, Tas-Sliema u dan fi żmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn dan l-Onorabbli Bord u sabiex l-intimat jgħaddi lura lir-rikorrenti l-pussess vakant tal-imsemmi fond;

3. Fl-eventwalità li dan l-Onorabbli Bord ma jilqax l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti b'mod alternattiv, jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi tal-intimat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) maħruġa taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi , u kwalunkwe regolamenti oħra li jissostitwuhom, ibbażat fuq id-dħul tal-kerrej bejn l-1 ta' Jannar, 2024, u l-31 ta' Diċembru, 2024, u fuq il-kapital tla-kerrejja fil-31 ta' Diċembru, 2024;

4. F'każ li l-kerrej ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, jiddikjara, jiddeċiedi u jordna li l-intimat għandu żmien ta' sentejn sabiex jivvaka mill-fond uffiċjalment numerat 92, Triq Gafar, Tas-Sliema, oltre li jħallas kumpens pagabbli lir-rikorrenti għall-okkupazzjoni tal-istess fond matul l-imsemmi perjodu u dan f'ammont li jiddetermina dan l-Onorabbli Bord;

5. F'każ li l-kerrej jissodisfa l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, jiddikjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera tal-fond 92, Triq Gafar, Tas-Sliema, għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond uffiċjalment numerat 92, Triq Gafar, Tas-Sliema, u sabiex jigu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera;

6. Konsegwentement għall-ħames talba, jordna u jikkundanna lill-intimat jibda jħallas tali kera kif riveduta ai termini tal-Att XXIV tal-2021 inkonnessjoni mal-fond 92, Triq Gafar, Tas-Sliema b'effett mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern.

Bl-isepjjeż kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt insubizzjoni u b'riserva u mingħajr preġudizzju għal kwalsijasi azzjoni oħra li tista' talvolta tiġi preżentata.

Rikorrenti: Alpine House, Triq in-Naxxar, San Ġwann

Notifika: 92, Triq Gafar, Tas-Sliema

Ir-rikors fl-ismijiet 44 Main Street Limited vs Daniel Mamo, Rikors numru 75/2025JG, jinsab differit għall-14 ta' Lulju, 2025, fid-9.15 a.m.

applicant company has the right to take back possession of the premises bearing the official number 92, Triq Gafar, Tas-Sliema;

2. Consequently order the respondent to vacate the premises bearing the official number 92, Triq Gafar, Sliema and this within a short and peremptory time fixed by this Honourable Board and so that the respondent returns to the applicant the vacant possession of the said premises;

3. In the event that this Honourable Board does not uphold the first and second demand of the applicant in an alternative manner, order that the means test of the respondent be carried out on the means test established in the Rules of the Continuation Tenancies (Means Testing Criteria) issued under Article 1622A of the Civil Code, and any other regulations replacing them, based on the income of the lessee between 1st January, 2024, and 31st December, 2024, and on the capital of the lessee on 31st December, 2024;

4. In case the lessee does not satisfy the criteria of income and capital of the means test, declare, decide and order that the respondent has two years to vacate from the premises officially numbered 92, Triq Gafar, Tas-Sliema, besides paying compensation payable to the applicant for the occupation of the same premises during the said period and this in an amount determined by this Honourable Board;

5. In case the lessee meets the criteria of income and capital of the means test, declare and decide that in terms of Act XXIV of 2021, the Rent of the premises 92, Triq Gafar, Tas-Sliema, shall be revised to an amount not exceeding 2% per annum of the free and open market value of the premises officially numbered 92, Triq Gafar, Tas-Sliema, and to establish new conditions regarding the lease;

6. Consequently to the fifth demand, order and condemn the respondent to start paying such rent as revised in terms of Act XXIV of 2021 in connection with the premises 92, Triq Gafar, Tas-Sliema with effect from the date of filing of the present application.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made and saving and without prejudice to any other action that may be brought.

Applicant: Alpine House, Triq in-Naxxar, San Ġwann

Notification: 92, Triq Gafar, Tas-Sliema

The application in the names 44 Main Street Limited vs Daniel Mamo, Application number 75/2025JG has been postponed for hearing to the 14th July, 2025, at 9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 20 ta' Ġunju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 20th June, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1584

Permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Mejju, 2025, mill-Bord Dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba' fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Victor Micallef et vs Carmelo Muscat, Rikors numru 3/2025SG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Carmelo Muscat a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Victor Micallef (KI 621655M), George Micallef (KI 936949M), Steve Micallef (KI 260480M), Marisa Micallef (KI 280483M), Mario Micallef (KI 774058M), Carmelo sive Charles Micallef (KI 611553M), Anthony Micallef (KI 8670M) u Alfred Micallef (passaport Ingliż 16398871) vs Carmelo Muscat (KI 864338M) ippreżentat fil-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba', fil-15 ta' Jannar, 2025, ir-rikorrenti Victor Micallef et talbu lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jiddikjara li l-kundizzjonijuiet tal-inkwilinat ġew miksura peress li r-raba' ma huwiex qed jintuża għal skopijiet agrikoli u di più gew kostruwiti diversi ambjenti mingħajr il-permess tal-awtoritajiet kompetenti;

2. Konsegwentement jordna l-iżgumbrament tal-intimat Carmelo Muscat mir-raba' lokat fil-kontrda Tat-Tabib fil-limiti tal-Iklin aċċessibbli minn sqaq privat tal-kejl ta' ċirka 980mk u jawtoriza lill-esponenti jirriprendu pusses tal-istess. Dan fi żmien qasir u perentorju li jogħġbu jiffissa dan l-Onorabbli Bord;

3. Fin-nuqqas u a tenur tal-artikolu 3.2A tal-Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta jordna li l-kera tar-raba' de quo għandha tiġi awmentata b'effett mill-iskadenza li jmiss għal mhux anqas minn €1,600 fis-sena.

Dan bl-ispejjeż tal-preżenti kontra l-intimat.

Rikorrenti: Dar ir-Redentur, Triq l-Imdina, Ħ'Attard

Intimat: Carmelo Muscat, Providence House, Tower Street, L-Imsida

Ir-rikors fl-ismijiet Victor Micallef et vs Carmelo Muscat, Rikors numru 3/2025SG, jinsab differit għall-14 ta' Lulju, 2025, fil-11.10 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 20 ta' Ġunju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 28th May, 2025, of the Rural Leases Control Board, in the records of the Application in the names Victor Micallef et vs Carmelo Muscat, Application number 3/2025SG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Carmelo Muscat in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Victor Micallef (ID 621655M), George Micallef (ID 936949M), Steve Micallef (ID 260480M), Marisa Micallef (ID 280483M), Mario Micallef (ID 774058M), Carmelo sive Charles Micallef (ID 611553M), Anthony Micallef (ID 8670M) and Alfred Micallef (English Passport 16398871) vs Carmelo Muscat (ID 864338M) filed in the Rural Leases Control Board, on the 15th January, 2025, the applicants Victor Micallef et requested this Honourable Board to:

1. Declares that the conditions of the tenant have been infringed since the land is not being used for agricultural purposes and various environments have been constructed without the permission of the competent authorities;

2. Consequently order the eviction of the respondent Carmelo Muscat from the land found at Tat-Tabib in the limits of Iklin accessible from a private alley measuring circa 980 sqm and authorise the applicants to take back possession of the same. This within a short and peremptory time that this Honourable Board shall fix;

3. In default and in terms of Article 3.2A of Cap. 199 of the Laws of Malta orders that the rent of the land de quo be increased with effect from the next installment to not less than €1,600 per year.

With costs of the present against the respondent.

Applicants: Dar ir-Redentur, Triq l-Imdina, Ħ'Attard

Respondent: Carmelo Muscat, Providence House, Tower Street, Msida

The application in the names Victor Micallef et vs Carmelo Muscat, Application number 3/2025SG has been postponed for hearing to the 14th July, 2025, at 11.10 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 20th June, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1585

Permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Ġunju, 2025, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors numru 225/2025JPG fl-ismijiet Roberta Grech vs James Borg, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat James Borg a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Roberta Grech (KI 0502888M) vs James Borg (KI 0177283M) fl-atti tar-rikors numru 225/2025JPG, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fid-9 ta' Mejju, 2025, ir-rikorrenti Roberta Grech (KI 502888M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għaldaqshekk mill-istess Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi debitament registrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-kawża fl-ismijiet Roberta Grech vs James Borg (Rikors numru 225/2025JPG) hija differita għat-28 ta' Lulju, 2025, fin-12.30 p.m.

Rikorrenti: No. 22, Kale, Triq San Ġużepp, Ħal Kirkop

Intimat: No. 7, Ortensia, Triq il-Fjamma, Il-Kappara, San Ġwann

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 20 ta' Ġunju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 9th June, 2025, of the Civil Court (Family Section), in the records of the application in the names Roberta Grech vs James Borg, Application Number 225/2025JPG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent James Borg in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an Application in the records of the application Number 225/2025JPG in the names Roberta Grech (ID 502888M) vs James Borg (ID 177283M) filed in the Civil Court (Family Section), on the 9th May, 2025, the applicant Roberta Grech (ID 0502888M) requested this Honourable Court to:

1. Pronounce the dissolution of marriage between the parties;

2. Order the Registrar of Courts so that within the time specified by this Court, notify the Director of Public Registry regarding the dissoluion of marriage between them parties so that this is registered in the Public Registy.

The application in the names Roberta Grech vs James Borg, Application Number 225/2025JPG has been postponed for hearing to the 28th July, 2025, at 12.30 a.m.

Applicant: No. 22, Kale, Triq San Ġużepp, Ħal Kirkop

Respondent: No. 7, Ortensia, Triq il-Fjamma, Il-Kappara, San Ġwann

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 20th June, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1586

Permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Ottubru, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 688/2023, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Veronica Bella il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Veronica Bella a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 .

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 24 ta' Frar, 2023

Lil Veronica Bella (KI 143638A) ta' Giardini Romeo, B lock A, Level 4, Apt 5, Triq il-Madonna tal-Karmnu, Santa Venera SVR 1390

By means of a decree of the 30th October, 2024, in the records of the judicial letter number 688/2023, in the names HSBC Bank Malta plc vs Veronica Bella, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Veronica Bella in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Courts of Magistrates (Malta)

Today 24th February, 2023

To Veronica Bella (ID 143638A) of Giardini Romeo, Block A, Level 4, Apt 5, Triq il-Madonna tal-Karmnu, Santa Venera SVR 1390

Permezz tal-preżenti s-soċjetà HSBC Bank Malta plc (C3177) ta' 32, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta

Tinterpellak sabiex fi żmien jumejn minn meta tirċievi din l-ittra inti tħallas is-somma ta' €1079.85 bħala kapital u kwantu għas-somma ta' €7.31 bħala mgħaxijiet li ddekorrew fuq il-kapital sas-7 ta' Frar, 2023, bl-ispjjez amministrattivi, oltre l-imgħax mit-8 ta' Frar, 2023, sad-data ta' din l-ittra flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv u dan inrifużjoni ta' flus lilek avvanzati fuq faċilità ta' Visa card bin-numru 4035710036361066, liema somma inti għalkemm repetutament interpellat biex tħallas, inqast milli tagħmel dan.

Tinfurmak li jekk tonqos milli tħallas l-arretrati kollha fi żmien ħmistsax-il jum mid-data tan-notifika ta' din l-ittra, il-bilanċ intier tas-self isir kollu dovurt f'daqqa oltre mgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% fis-sena sad-data tal-effettiv pagament.

Sabiex jiġu evitati spejjeż inutili tal-Qorti, jekk il-ħlas tad-dejn fiż-żmien hawn fuq indikat ma huwiex possibbli u teħtieġ żmien itwal għall-ħlas b'rati mensili, int tista' tammetti d-dejn tiegħek mal-Bank permezz ta' att notarili. F'dak il-każ intom mitluba illi fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tircievi din l-ittra tavża lill-Bank u tqabbad nutar.

Din l-ittra sservi wkoll biex tinterrompi l-preskrizzjoni u għalhekk hija rikjesta mill-liġi ai termini tal-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Fin-nuqqas jittieħdu passi ulterjuri bil-Qorti kontra tiegħek mingħajr ebda preavviż ieħor.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 20 ta' Ġunju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of this present, HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177) of 32, Triq il-Merkanti, Valletta

Solicits you so that within two days from when you receive this letter you pay the amount of €1079.85 as capital and as for the amount of €7.31 as ihnerest that accrued on the capital till the 7th February, 2023, with administrative costs, besides the interest from the 8the February, 2023, till the date of this letter together with further legal interest on the capital amount from the date of this letter till the date of effective payment and this as refund on the amount given to you by means of Visa card facility with number 4035710036361066, which amount although you were solicited to pay, you remained in default.

Informs you that if you fail to pay all the arrears within fifteen days from the day of notification of this letter, the whole loan amount will be due all at once besides legal interest with the rate of 8% per year till the date of effective payment.

To avoid useless court fees, if the payment of the loan is not possible in the time given and you need more time to pay by monthly installments, you can admit your debt towards the Bank by means of a notarial act. In this case you are requested so that within fifteen days from when you receive this letter you inform the Bank and engage a notary.

This letter is being filed as well to interrupt prescription and as such is required by law in terms of article 2128 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta).

In default further procedures will be taken against at Court without further notice.

So much so that you may know how to regulate yourself.

With costs.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 20th June, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1587

Permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Mejju 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 779/2025, fl-ismijiet Zammit Leasing and Investments Limited vs Federico D'Onofrio et, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Federico D'Onofrio u Maria Louisa Rossana Sanfilippo a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Federico D'Onofrio (KI 156071A)

By means of a decree of the 23rd May 2025, in the records of the judicial letter number 779/2025, in the names Zammit Leasing and Investments Limited vs Federico D'Onofrio et, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondents Federico D'Onofrio and Mjaria Louisa Rossana Sanfilippo in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Federico D'Onofrio (ID

ta' 21, Conant Court, Flt 4, Triq Qrajten, Tal-Pietà, u Maria Louisa Rossana Sanfilippo (KI 174122A) ta' 21, Conant Court, Flat 4, Triq Qrajten, Tal-Pietà, fil-5 ta' Marzu, 2025, Zammit Leasing and Investments Limited (C37945) preċedentement J Zammit Limited ta' Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, tagħmlilkom referenza għall-kambjali ffirmati u aċċettati minnkom numerati minn numru 49 san-numru 60, kopja ta' liema qed jiġu annessi ma' din l-ittra uffiċjali, u peress illi dawn il-kambjali kellhom jitħallsu kull nhar l-14 tax-xahar u ċoè bejn l-14 ta' Lulju, 2023 u l-14 ta' Ġunju, 2024, rispettivament, baqgħu ma tħallsux minkejja li għadda t-tali żmien u minkejja li ġejtu interpellati kemm-il darba, tinterpellakom sabiex entru jumejn (2) min-notifika lilkom ta' din l-ittra uffiċjali tħallsu lill-kumpanija mittenti s-somma kumplessiva ta' €1,722.36 rappreżentanti import tal-imsemmija kambjali, liema kambjali ġew minnkom iffirmati u baqgħu ma tħallsux.

Il-kumpanija mittenti tavżakom illi jekk tonqos milli tottempraw ruħkom mas-su espost se tipproċedi bl-esekuzzjoni tal-imsemmija kambjali ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għal fini u effetti kollha tal-liġi, kunu avżati illi ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandkom id-dritt sabiex fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika ta' din l-ittra uffiċjali tippreżentaw rikors sabiex topponu għall-esekuzzjoni tal-imsemmija kambjali minħabba r-raġuni illi l-firma fuq il-kambjala mhijiex tagħkom jew minħabba raġuni gravi u valida.

Tant biex tagħrfu timxu u tirregolaw ruħkom.

Bl-ispejjeż, inklużi tal-preżenti, kontra tagħkom u bl-imgħaxijiet legali mid-data rispettiva ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat sabiex trendi l-imsemmija kambjala eżegwibbli ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 20 ta' Ġunju 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

156071A) of 21, Conant Court, Flt 4, Triq Qrajten, Tal-Pietà and Maria Louisa Rossana Sanfilippo (ID 174122A) of 21, Conant Court, Flat 4, Triq Qrajten, Tal-Pietà, on the 5th March, 2025, Zammit Leasing and Investments Limited (C37945) previously J Zammit Limited of Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, referred to the bills of exchange signed and accepted by you numbered 49 till 60, a copy of which is being attached with this judicial letter, and noted that these bills of exchange had to be paid every 14th day of the month and that is between the 14th July, 2023 and 14th June, 2024, respectively, and you remained in default although time has passed and although you were solicited several times, so it solicits you so that within two (2) days from the notification of this judicial letter you pay the interpellant company the total amount of €1,722.36 representing the value of the said bills of exchange, which bills of exchange were signed by you and you remained in default.

The interpellant company warns you that if you fail to abide with the above the company will proceed for the execution of the said bills of exchange in terms of article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

For all the effects and purposes of law, you are warned that in terms of article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta you have the right so that within twenty (20) days from the notification of this judicial letter you file an application to oppose the execution of the said bill of exchange on the basis that the signature on the bill of exchange is not yours or for grave and valid reasons.

So much so may know how to proceed and regulate yourselves.

With costs, including of this present against you and with legal interest from the date of expiry of the said bills of exchange till the date of effective payment.

This judicial letter is being sent to render the said bill of exchange executable in terms of Article 256(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 20th June 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1588

Permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' Mejju, 2025, mill-Qorti, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1350/2025, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Andrea Santori pro et noe, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Andrea Santori a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree of the 15th May, 2025, of the Civil Court, First Hall, in the records of judicial letter number 1350/2025, in the names Commissioner for Tax and Customs vs Andrea Santori pro et noe, the following publication for the purpose of service on the respondent Andrea Santori was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 25 ta' Marzu, 2025

Lil Andrea Santori (passaport Taljan numru YA0898089) f'ismek personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u inrappreżentanza tas-soċjetà Lighting Furniture & Lifestyle Ltd (C69259) illum imħassra mir-Reġistru tal-Kumpaniji.

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, jinterpellak ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII tal-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' €53,543.13 rappreżentanti ammont dovut minnek pro et noe bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud, skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-Att sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u Dwana għandu kontra tiegħek permezz tal-avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jeżegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek pro et noe permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

Notifika: Andrea Santori, Flat 1, Emver Court, Triq Giuseppe Briffa, San Ġwann

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 20 ta' Ġunju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

In the First Hall of the Civil Court

Today 25th March, 2025

To Andrea Santori (Italian passport number YA0898089) in your own name and as director for and on behalf of the company Lighting Furniture & Lifestyle Ltd (C69259) today struck off from the Registry of Companies.

By the present the Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €53,543.13 representing amount due by you pro et noe as Value Added Tax, according to the same Act .

With costs and interest according to the said Act till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you, by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants inform you that they shall pass to execute the said executive title they have against you pro et noe by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed.

Notification: Andrea Santori, Flat 1, Emver Court, Triq Giuseppe Briffa, San Ġwann

Registry of the Superior Courts, today 20th June, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1589

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-15 ta' Jannar, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3813/2023, fl-ismijiet l-Awtorità tal-Ippjanar vs Jacqueline Polidano, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Jacqueline Polidano a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 15 ta' Diċembru, 2023

Lil Jacqueline Polidano (KI 236169M) ta' 23, L-Imnara, Triq Mifsud Ellul, Ħal Qormi

By means of a decree of the 15th January, 2025, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 3813/2023 in the names Planning Authority vs Jacqueline Polidano, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Jacqueline Polidano in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 15th December, 2023

To Jacqueline Polidano (ID 236169M) of 23, l_Imnara, Triq Mifsud Ellul, Ħal Qormi

Permezz tal-preżenti l-Awtorità tal-Ippjanar ta' St Francis Ravelin, Il-Furjana, tinterpellak sabiex immedjatament tħallasha s-somma ta' €9,904 li hija dik is-somma li laħqet iddekorriet sa nhar il-5 ta' Diċembru, 2023, skont ir-Regolament 3 tal-Liġi Sussidjarja 552.24 dwar Multi għal kull Ġurnata u Multi Amministrattivi.

Illi l-multa hawn fuq imsemmija hija dovuta u naxxenti minn ksur tal-kontroll tal-Ippjanar kif speċifikat fl-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq numru ECF 366/13 datat nhar l-10 ta' Jannar, 2014.

L-Awtorità tal-Ippjanar qiegħda żżomm ferm kull jedd eżekuttiv jew xort'oħra diġà miksuba minnha, u tirriserva wkoll li titlob kull ammont li jiġi dovut wara d-data ta' din l-ittra u li jkun għadu ma tħallasx.

Illi l-preżenti ittra għandha sservi wkoll mezz ta' ksur ta' kwalunkwe preskrizzjoni estintiva li tista' tiġi invokata kontra l-mittenti meta hija tiġi biex tinforza d-drittijiet tagħha.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 20 ta' Ġunju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By the present, Planning Authority of St Francis Ravelin, Floriana, calls upon you so that immediately you pay the sum of €9,904 which is the sum which has accrued by 5th December, 2023, in terms of regulation 3 of Subsidiary Legislation 552.24 regarding Daily Penalty and Administrative Fines Regulations.

That the fine above mentioned is due and results from a violation of the Planning control as specified in the Notice to stop and Implement number ECF 366/13 dated 10th January, 2014.

The Planning Authority is strongly retaining any executive or other right already acquired by it, and reserves to claim any amount which is due after the date of this letter and which has not yet been paid.

That the present letter should also serve as a means of interrupting any extinctive prescriptive period which can be invoked against the interpellant when it is invoked to enforce its rights.

With costs and interests till the date of effective payment.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 20th June, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1590

Permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Ġunju 2024 mill-Qorti, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1825/2023, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi vs Gopinath Venugopal Jeyakrishna Moorthy, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Gopinath Venugopal Jeyakrishna Moorthy a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 3 ta' Mejju, 2023

Lil Gopinath Venugopal Jeyakrishna Moorthy (KI 0032135A) ta' 97, Triq Manoel de Vilhena, Il-Gżira

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxi ta' Blokk 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, jinterpellak ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII tal-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' €1,421,723.38 rappreżentanti ammont dovut minnek bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud, skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-Att sad-data tal-pagament effettiv.

By means of a decree of the 6th June 2024 of the Civil Court, First Hall, in the records of judicial letter number 1825/2023, in the names Commissioner for Revenue vs Gopinath Venugopal Jeyakrishna Moorthy, the following publication for the purpose of service on the respondent Gopinath Venugopal Jeyakrishna Moorthy was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 3rd May, 2023

To Gopinath Venugopal Jeyakrishna Moorthy (ID 0032135A) of 97, Triq Manoel de Vilhena, Gżira

By the present the Commissioner for Revenue of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €1,421,723.38 representing amount due by you as Value Added Tax, according to the same Act .

With costs and interest according to the said Act till the date of effective payment.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxi għandu kontra tiegħek permezz tal-avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jeżegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 20 ta' Ġunju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Revenue has against you, by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants inform you that they shall pass to execute the said executive title they have against you by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed.

Registry of the Superior Courts, today 20th June, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1591

Permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Lulju, 2021, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) , fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1090/2021, fl-ismijiet Awtorità għat-Trasport f'Malta vs Joshua Cachia, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Joshua Cachia a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 11 ta' Mejju, 2021

Lil Joshua Cachia (ki 0519880m) ta' 39, Triq San Martin, Iż-Żurrieq, Malta

Permezz tal-preżenti l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, imwaqqfa bl-Artikolu 5 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, Malta Transport Centre, Ħal Lija LJA 2021, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €2,405.94, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti l-valur tal-ammont dovut minnek lill-mittenti inkonnessjoni mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAA 818.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Di più, ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza.

Dan l-att qed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddi biex tesegwixxi dan il-krettu skont il-liġi.

By means of a decree of the 27th July, 2021, of the Court of Magistrates (Malta) in the records of judicial letter number 1090/2021, in the names Malta Transport Authority vs Joshua Cachia, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Joshua Cachia in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 11th May, 2021

To Joshua Cachia (ID 0519880M) of 39, Triq San Martin, Żurrieq, Malta

By the present Malta Transport Authority, hereby established by Article 5 of the Malta Transport Authority Act of the Malta Transport Authority, Malta Transport Centre, Ħal Lija LJA 2021, is notifying you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the effects and purposes of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and is soliciting you to pay the amount of €2,405.94, which amount is sure, liquid and due representing the value of the amount due by you to the interpellant in connection with the vehicle with registration number DAA 818.

Despite several interpellations from the interpellant to pay the amount due, you failed to pay by the date of submission of this letter. And also, there is no valid reason for this default.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of Law and in default of payment or opposition on your part in terms of the said Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta the interpellant passes to execute this credit according to law.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 20 ta' Ġunju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 20th June, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1592

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, fis-sitta (6) ta' Ġunju, 2025 (Digriet numru 51/2025BS, wara rikors numru 55/2025BS) ġiet kkonfermata interdetta mill-atti kollha tal-ħajja ċivili Jane Frances Rapa, bint il-mejjet Francis Rapa u Michelina née Vella, imwielda Blacktown New South Wales, l-Awstralja, u residenti x-Xewkija, Għawdex (karta tal-identità numru 30199M).

Michelina Rapa, armla ta' Francis Rapa, bin il-mejtin Carmelo Vella u Dolora née Hili, imwielda r-Rabat, Għawdex, u residenti x-Xewkija, Għawdex, detentriċi tal-karta tal-identità numru 48260G ġiet bl-istess digriet, nominata kuratriċi tagħha.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 20 ta' Ġunju, 2025

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

IT is hereby notified that in virtue of a decree given by the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction on the sixth (6th) of June of the year 2025 (Decree number: 51/2025BS following application number 55/2025(BS) Jane Frances Rapa, daughter of the late Francis Rapa and Michelina née Vella, born in Blacktown New South Wales, Australia and resides in Xewkija, Gozo, holder of identity card number 30199M, has been confirmed interdicted from all acts of civil life.

Michelina Rapa, widow of Francis Rapa, daughter of the late Carmelo Vella and Dolora née Hili, born in Victoria, Gozo, residing in Xewkija, Gozo, and holder of identity card number 48260G, has been nominated as her curator, by virtue of the said decree.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

This 20th of June, 2025

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1593

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sezzjoni Kummerċ), fil-25 ta' Settembru, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 86/2024ISB, fl-ismijiet: Aragon Co. Limited vs Alert Group Limited, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Aragon Co. Limited (C54640) vs Alert Group Limited (C87841) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sezzjoni Kummerċ), fit-23 ta' Settembru, 2024, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna l-istralċ tas-soċjetà konventa Alert Group Limited (C87841) u dan stante illi, (i) tali soċjetà m'għadhiex topera fin-negozju, (ii) lanqas mhi f'qagħda li tħallas id-djun tagħha, u/jew (iii) jeżistu raġunijiet gravi biżżejjed sabiex din il-Qorti tordna x-xoljiment u eventwali stralċ tas-soċjetà konvenuta, u dan kollu ai termini tal-Artikoli 214(2)(a)(i), 214(2)(a)(ii) u/jew 214(2)(b)(iii) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall (Trade Section), on the 25th September, 2024, in the records of the Sworn application number 86/2024ISB, in the names: Aragon Co. Limited vs Alert Group Limited, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Aragon Co. Limited (C54640) vs Alert Group Limited (C87841) filed in the Civil Court, First Hall (Trade Section), on the 23rd September, 2024, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Order the winding up of the promised company Alert Group Limited (C87841) and this since, (i) such company is no longer operating in the business, (ii) it is also not in a position to pay its debts, and/or (iii) there exist grave reasons enough so that this Court orders the dissolution and eventual winding up of the defendant company, and all this in terms of Articles 214 (2) (a) (i), 214 (2) (a). II) and/or 214 (2) (b) (iii) of Cap. 386 of the Laws of Malta.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 86/2024ISB fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-22 ta' Ottubru, 2025, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Alert Group Limited (C87841), Level 3 (Suite 2228) Tower Business Centre, Tower Street, Swatar, Birkirkara BKR 4013

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 20 ta' Ġunju, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With all costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 86/2024ISB in the names mentioned above is postponed to 22nd October, 2025, at 9.30 a.m.

Notification respondent: Alert Group Limited (C87841), level 3 (Suite 2228) Tower Business Centre, Tower Street, Swatar, Birkirkara BKR 4013

Registry of the Superior Courts, today 20th June, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1594

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-24 ta' Marzu, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 269/2025DC, fl-ismijiet: Deloitte Tax Services Limited vs Alison Investments Ltd, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Deloitte Tax Services Limited (C51320) vs Alison Investments Ltd ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-18 ta' Marzu, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini tal-artikoli 167-170 tal-Kodiċi tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' sitta u sebgħin elf, seba' mija u tmenin ewro (€76,780) rappreżentanti ammonti dovuti lis-soċjetà attriċi, mis-soċjetà kkonvenuta, bħala ħlas għal servizzi professjonali reżi;

3. Tikkundanna konsegwentement lis-soċjetà kkonvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sitta u sebgħin elf, seba' mija u tmenin ewro (€76,780).

Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 269/2025DC fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa diferit għal-10 ta' Lulju, 2025, fil-11.30 a.m.

Notifika Intimat: Alison Investments Ltd, 85, Triq San Franġisk, Il-Furjana
Andrew Vaswani bħala company secretary tas-soċjetà Alison Investments Ltd, 85, Triq San Franġisk, Il-Furjana

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 24th March, 2025, in the records of the Sworn application number 269/2025DC, in the names: Deloitte tax services Limited vs Alison investments Ltd, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Deloitte tax services Limited (C51320) vs Alison investments Ltd filed in the Civil Court, First Hall, on the 18th March, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Decide this cause without proceeding to a hearing of the cause in terms of Articles 167-170 of the Code of Cap. 12 of the Laws of Malta;

2. Declare that the defendant company is a debtor of the plaintiff company in the amount of seventy six thousand, seven hundred and eighty euro (€76,780) representing amounts due to the plaintiff company, by the defendant company, as payment for professional services rendered;

3. Consequently condemn the defendant company to pay the plaintiff company the sum of seventy six thousand, seven hundred and eighty euro (€76,780).

With all costs and legal interests against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 269/2025DC in the names mentioned above is postponed for hearing to the 10th July, 2025, at 11.30 a.m.

Notification respondent: Alison investments Ltd, 85, Triq San Franġisk, Floriana
Andrew Vaswani as company Secretary of the company Alison Investments Ltd, 85, Triq San Franġisk, Floriana

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 20 ta' Ġunju, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 20th June, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1595

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn dan il-Bord fl-14 ta' Mejju, 2025, fuq talba ta' Anthony Zammit et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lis-sidien mhux magħrufa tal-fond 40, Milton House, Triq il-Wilġa, Paceville, San Ġiljan fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2048/2025 fl-ismijiet Anthony Zammit et vs Dott. Carmel Gatt u Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Bord li Jirregola l-Kera fil-5 ta' Mejju, 2025, ta' Anthony Zammit (KI 726059M) u Yasmin Zammit (429811L) flimkien ma' binthom Rebecca Zammit (KI 79590M) ta' 40, Milton House, Triq il-Wilġa Paceville, San Ġiljan, kontra Dott. Carmel Gatt, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Il-Mosta MST 9035, u kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-komproprjetarji mhux magħrufa tal-fond 40, Milton House, Triq il-Wilġa, Paceville, San Ġiljan, fejn permezz tal-preżenti Anthony Zammit, Yasmin Zammit u Rebecca Zammit, filwaqt li jirreferukom għall-kirja li huma jgawdu fuq l-istess fond mingħandkom jew mill-predeċessuri fit-titolu tagħkom, liema fond ilu hekk mikri lilhom minn qabel l-1995, jinfurmawkom li s-saqaf tal-imsemmi fond jinsab ikkundannat u dan kif ġie kkonfermat mir-rapport anness ma' din l-ittra uffiċjali u mmarkat bħala Dok 1, u għaldaqstant huwa ta' periklu serju u imminenti għall-mittenti.

Illi b'dan magħdud, jeħtieġ li jsiru riparazzjonijiet meħtieġa fl-istess saqaf fl-immedjat, li fin-natura tagħhom huma urġenti;

Illi ai termini tal-liġi nostrana, il-mittenti għandhom id-dritt, mingħajr ma jirrikorru għall-ebda proċeduri ġudizzjarji, li jwettqu dawn ir-riparazzjonijet urġenti a spejjeż tagħkom u dan partikolarment inkwantu intom għażiltu li tibqgħu inadempjenti u nqastu milli taġixxu sabiex tonoraw l-obbligi tagħkom bħala sidien tal-imsemmi fond;

Illi għaldaqstant din l-ittra uffiċjali qiegħda tiġi intavolata fil-konfront tagħkom, sabiex tkunu formalment mgħarrfa li l-mittenti m'għandhomx għażla oħra fiċ-ċirkostanzi għajr li jinvokaw id-dritt tagħhom li jwettqu r-riparazzjonijet urġenti meħtieġa fil-fond inkwistjoni a spejjeż tagħkom.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Board on the 14th May, 2025, following a request by Anthony Zammit et it was ordered that deputy curators be chosen to represent the owners of the premises 40, Milton House, Triq il-Wilġa, Paceville, St Julian's, in the acts of the judicial letter number 2048/2025 in the names Anthony Zammit et vs Dr Carmel Gatt and Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

